# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 915/19TA**

**Timothy Fenech [K.I. Numru 1580M]**

**vs**

**Kunsill Lokali San Ġiljan u b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2019 is-soċjeta' Mapfre Middlesea plc (C-5553) ġiet awtorizza tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Timothy Fenech (l-Attur) tas-26 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi nhar id-9 ta' Jannar, 2019 ghall-habta ta' 17:00pm, waqt li kien mixi gewwa Triq Elia Zammit f' San Giljan, huwa safa midrub u sofra minn ksur f'saqajh tan-naha tal-lemin, kawza ta' l-istat tal-bankina.
2. Illi dan l-incident huwa kollu frott ta' traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' manutenzjoni adekwata fuq il-bankina da parti tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan.

3. Illi in oltre l-istess konvenut naqas li jassigura is-sigurta tal-pubbliku inkluz tal-esponent tant li l-istess esponent waqa minhabba li l-bankina kienet fi stat hazin hafna u perikoluza kawza ta' nuqqas ta' manutenzjoni u xoghol tajjeb da parti tal-Kunsill Lokali jew haddiema imqabda minnhom.

4. Illi b'riżultat ta' dan l-incident, l-attur sofra ksur f'saqajh tan-naha tal-lemin tant li kellha ssirlu intervent nhar il-11 ta' Jannar, 2019, u b'rizultat ta' dan l-incident, il-mittenti sofra debilta permanenti fuq persuntu. Dan oltre danni ohra inkluz telf ta' qliegh mix-xoghol u spejjez ta' kura medika.

5. Illi minkejja li l-intimat gie debitament interpellat, anke permezz ta' Ittra Uffiċjali, sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati minnu jew min minnu kif fuq inghad, huwa baqgha inadempjenti.

6. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

GHALDAQSTANT, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:-

1. TIDDIKJARA u tiddeciedi li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar id-9 ta' Jannar, 2019 gewwa Triq Elia Zammit li tinsab San Giljan kif fuq inghad, u ghad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' l-istess;

2. TILLIKWIDA d-danni kollha hekk sofferti mill-attur, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominadi;

3. TIKKUNDANNA lill-intimat jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Uffiċjali u bl-imghax legali kontra l-intimati in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Lokali San Ġiljan (il-konvenut Kunsill) tad-29 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Illi fl-ewwel lok, l-Kunsill Lokali konvenut ma huwiex responsabbli u ma rreka ebda dannu lill-attur;

2. Illi mhux minnu li l-Kunsill Lokali konvenut b'xi mod kien negligenti jew traskurat;

3. Illi l-attur irid jipprova illi huwa sofra dannu;

4. Illi l-attur irid jipprova l-*quantum* minnu soffert;

*5.* Illi subordinatament, l-Kunsill Lokali konvenut dejjem agixxa b'diligenza ta' *bonus paterfamilias* tenut kont tar-responsabbilitajiet li ghandu u l-mezzi illi ghandu disponibbli ghalih;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

8. Bl-ispejjez kontra l-attur."

Rat ir-risposta ta' Mapfre Middlesea Plc (is-soċjeta' intervenjenti) tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"Illi biha qeghda tirrileva illi t-talbiet attrici ma ghandhomx jigu milqugha ghaliex:

1. L-incident meritu tal-kawza ma sehhx minhabba xi tort jew traskuragni tal-Kunsill Lokali konvenut.

2. L-attur ghandu juri illi l-konsegwenzi tal-imsemmi incident, kif inhuma allegati minnu fir-rikors guramentat tieghu, fil-fatt sehhew u ghandu wkoll jipprova d-danni gejjin mill-istess.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur huwa impjegat mad-ditta Hemley and partners. Meta fid-9 ta' Jannar 2019 kien sejjer lura għad-dar mix-xogħol, waqt li kien għaddej bil-mixi minn Triq Elia Zammit f'Ġiljan huwa waqa' u weġġa' serjament. L-Attur għid li huwa waqa' minħabba l-istat ħażin tal-bankina u dan kif jidher mir-ritratti esebiti (a' fol 15 sa 18).

**2.** B'konsegwenza ta' din il-waqgħa huwa ġarrab ġrieħi f'siequ l-leminija li jikkonsistu f'diżabilita' permanenti. Għalkemm interpella lill-konvenut Kunsill biex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni dan baqa' inadempjenti. Għalhekk kellha ssir din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**3.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-konvenut Kunsill, għad-danni li l-Attur jallega li soffra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.

**4.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni u l-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**5.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li *"min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li *"l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak ilfatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"* (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**6.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż. Din hija "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-Sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene."*

**7.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003,** b`riferenza

għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

**8.** Filwaqt fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien eluċidat is-segwenti:- *"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*"

**9.** Ovvjament dak li huwa rikjest hu li jkun hemm xi xorta ta' kulpa biex anke ente pubblika tiġi miżmuma responsabbli għad-danni li jista' jsoffri utent u f'dan ir-rigward din ġiet spjegata hekk: *"E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare."* (**Giorgio Giorgi ,Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II.18 p.32 – 33** ara ukoll f'dan ir-rigward **Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile, Cedam, pg 655 , 1996 Ed**).

**10.** Issa, fil-kaz ta' Kunsill Lokali, l-obbligi tiegħu ma humiex regolati mill-prinċipji li jemanaw mill-Kodiċi Ċivili biss, iżda kif ser naraw, anke mil-liġi speċjali li ħolqithom u regolamenti imnissla minnha. Dan qiegħed jingħad b'referenza għall-kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Il-fatti ta' din il-kawża, bħal ħafna oħrajn bħalha, ma jippresentawx xi kumplikazzjoni partikolari. Pero' bħal dejjem, f'kawżi bħal dawn il-Qorti

għandha l-ewwel tgħaddi biex tiddetermina r-responsabbilita’ u wara, jekk ikun il-każ, tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-Attur.

**Responsabbilita’**

**12.** Skont Dr. Daniel Saliba, mid-dipartiment tal-Gvern Lokali r-responsabbilita’ ta’ Triq Elija Zammit, fejn seħħ l-inċident, u manutenzjoni tagħha, taqa’ taħt il-Kunsill Lokali ta’ San Ġiljan (a’ fol 490 dan jikkonfermah anke s-Sindku Albert Buttigieg a’ fol 538). Dan fisser, li l-Kunsill għandu r-responsabbilita’ tal-manutenzjoni, l-*upkeep*, u ż-żamma tat-triq fi stat tajjeb. Il-Kunsill ma hux responsabbli meta tinqala’ it-triq għaliex dan mhux responsabbli għar-rikostruzzjoni tat-toroq (a’ fol 491). Pero’, dan ix-xhud jagħmilha ċara li l-manutenzjoni tal-bankina taqa’ taħt il-Kunsill. Guido Dalli, ex-sindku u llum Kunsillier, mistoqsi min iħallas għax-xogħolijiet ta’ tiswija u min iqabbad lill-kuntrattur biex isru ix-xogħolijiet iwieġeb li huwa l-Kunsill (a’ fol 583).

**13.** Għalhekk huwa ċar li l-Kunsill huwa responsabbli mill-manutenzjoni tal-bankini. Il-Qorti tfakkar li l-azzjoni hija diretta lejn Kunsill Lokali, li huwa ente morali addottat mil-liġi (Kap 363 tal-Liġijiet) b’personalita’ ġuridika bil-ħila li tagħmel u tissubixxi kawżi, għalhekk it-tagħlim fuq imsemmi huwa ukoll applikabbli għalih. Pero’ b’żieda mal-prinċipji ġenerali enunċjati fil-Kodiċi Ċivili, Kunsill Lokali għandu ukoll obbligi speċjali.

**14.** Fir-rigward taż-żamma tajba tat-toroq, artikolu 33(1)(b) tal-Kap 363 tal-liġijiet ta' Malta, fost ir-responsabilitijiet li insibu li dan huwa responsabbli: "*fir-rigward ta' kwalunkwe triq, li tipprovdi l-knis, tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin, tindif ta' sinjali stradali u dwal stradali, il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart, iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni u ż-żamma tal-konvenjenzi pubbliċi kollha, tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju u għall-ġbir ta' skart u li taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti*". Ma għandux ikun dubitat, li din il-parti tal-liġi tirreferi għall-bankini u li jaqgħu fit-tifsira ta' konvenjenzi pubbliċi.

**15.** Għalhekk stabbilit li l-Kunsill huwa responsabbli għaż-żamma tajba u manutenzjoni tal-bankini u kwindi l-leġittimu kontradittur biex iwieġeb għax-xiljiet tal-Attur, issa jmiss li jiġi stabbilit jekk jaħtix għal dak li ġara lill-Attur u li għalhekk għandu jwieġeb għad-danni minnu sofferti.

**16.** Minn eżami tal-fatti u provi kollha fil-kawża ma hemm ebda dubbju, li l-Attur waqa' u weġġa' fit-triq mertu tal-Kawża. Serine Wattar tixhed: "*Whilst we were walking along Elia Street in St. Julian's, I noticed Timothy Fenech a few paces infront of us …. A few seconds later I saw him falling down to the ground… <u>we immediately noticed that the part of the pavement he was walking on was badly damaged</u>. <u>A huge slab was missing from it, resulting in huge hole in the pavement…It was like a pothole in the pavement…We also noticed that under the mossing slab, there was</u>*

*another huge elongated hole in the tarmac of the street….There were no safety signs as a warning or precaution. One would'nt notice the damaged pavement especially because the street is badly lit. Further up the street, pavements have a metal enclosures to cover similar holes, to date this problem has not been fixed and is still in the same state"* (Emfażi tal-Qorti a' fol 506). Aaron Michael Oulton, kollega tal-Attur, jikkonferma il-presenza tat-toqba fil-bankina u l-istat ħażin tagħha. Stacey Vella ukoll tikkonferma li rat lill-Attur jaqa' mal-art. Dan jiddiskrivi ukoll l-istat ħażin tal-bankina bl-istess mod li għamlu l-oħrajn (a' fol 510). Tracy Debono tgħid: "*Nghid li minn fuq dik il-bankina nghaddi kuljum. L-istat tal-Bankina qieghed hazin u ta' perikolu kbir ghal min juzaha, bicca mill-bankina hija nieqsa u irrizultat f'toqba imdaqqsa u wiehed jista' facilment jaqa' bhal ma gara lil Timothy"*. Fl-affidavit datat 22 ta' Novembru 2020 ix-xhud tgħid li din il-bankina għadha ma tranġatx sal-lum. (a' fol 505).

**17.** In kontro eżami l-Attur jirrakonta "*Li niftakar li taljt il-bankina, bdejt miexi normali dritt u li f'daqqa wahda litteralment kif tajt il-pass sibt il-vojt*" (a' fol 602 tergo). Mid-dokumenti tal-l-sptar, jirriżulta li dawn persistentement jaghmlu referenza ghal "*Mechanical fall from height, slipped and fell on pavement* (a' fol 461 u 465).

**18.** Mir-ritratti esebiti jidher ċar u evidenti l-istat ħażin li kienet fiha din il-bankina. Tidher ukoll maduma maqlugħa, li tagħmilha verosimili li xi ħadd

faċilment jista' jitfixkel fiha tenut ukoll kont, li li kif jirriżulta, taħtha esatt hemm gandott pjuttost profond (ara a' fol 15 sa 18).

**19.** Albert Buttigieg, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan għid li hu u għalhekk anke l-Kunsill, ma jistax ikunu jafu fejn hemm bankini bħal dik mertu tal-kawża jekk ħadd ma għidilhom. Jekk ma għidilhom ħadd ma jistgħu jagħmlu xejn. Għid ukoll, li f'dawk l-inħawi hemm ħafna attivita' u jsemmi trakkijiet tal-ġebel deħlin u ħerġin, krejnijiet u ħafna inġenji oħra tal-bini (a' fol 534 tergo u 535 saħansitra jippresenta numru ta' dokumenti biex jipprova l-intensita' ta' attivita' ta' bini f'din it-triq ara a' fol 537 sa 574). B'dana kollu, mix-xhieda ta' numru ta' nies, sa sena wara l-inċident, din il-bankina kienet għadha ma tranġatx.

**20.** L-anqas jista' jingħad li Kunsill għandu sistema "*in place*" ta' sorveljanza tal-lokalita', biex fuq bażi regolari jiġi skopert jekk jesistux perikoli ta' din ix-xorta mingħajr ħtieġa li dak li jkun jistenna li jidħol rapport. Is-Sindku jispjega li ma għandhomx lil min jissorvelja, għaliex ma għandhomx il-fondi (a' fol 535). Iżda għandhom handyman (a' fol 537 tergo). Għid ukoll li wara l-inċident irranġaw kif setgħu f'dik it-triq (a' fol 536). Jikkonferma li f'din it-triq kellhom inċidenti oħra bħal dawn (a' fol 536 tergo).

**21.** Minn dan kollu, il-Qorti tislet is-segwenti mankanzi. Fl-ewwel lok li l-Kunsill ma għandux sistema awtonoma preventiva biex ikun a konjizzjoni ta' nuqqas ta' manutenzjoni f'dan il-każ ta' bankini. Ma hija ħaġa sewwa

xejn, li biex il-kunsill isir jaf b'xi toqba fil-bankini, irid jidħollu rapport, għaliex dan x'aktarx jiġri meta xi ħadd ikollu inċident. Din il-Qorti tifhem il-problema tal-kunsill, jekk kif għid is-Sindku, li ma għandux fondi biżżejjed biex ikollu sistema in place ta' sorveljanza u li jinqeda b'handy man. Imma din hija lokalita' u mhux xi binja u jekk ma tridx lokalita' li tassew hija l-mekka tad-divertiment u li għalhekk l-inċidenti huma numerużi. Di fatti s-Sindku jixhed li f'din it-triq kellhom diversi inċidenti, b'dana kollu, xorta kien hemm din il-bankina li fiha nnifisha kienet stedina għal xi inċident.

**22.** Is-Sindku jixhed li din hija triq fejn l-attivita edilizja hija waħda intensiva u bħala prova esebixxa numru imdaqqas ta' dokumenti li jindikaw dan. Iżda bir-rispett kollu, dan ma għandux iservi ta' skużanti, iżda pjuttost il-kuntrarju. Jekk il-Kunsill għandu dawn l-indikazzjonijiet kollha li t-tgħarriq tal-bankini f'din it-triq partikulari huwa akbar minn bnadi oħrajn, allura, jekk ma jistax ikun jissorvelja b'mod ġenerali l-lokalita', għandu talinqas jieħu ħsieb dan f'din it-triq mill-qrib, biex isiru dawk l-interventi preventivi ta' manutenzjoni b'mod tempestiv. Di fatti, dan seta' jsir, tant li minn wieħed mir-ritratti esebiti, jirrisulta li f'din it-triq kien hemm diversi każi fejn tqegħdu pjanċi tal-ħadid biex jimlew vojt fil-bankina (ara a' fol 19). F'dan il-każ dan ma sarx, anzi ix-xhieda għidu li l-anqas xi xorta ta' avviżi ma kien hemm biex jindikaw dan il-perikolu. Il-minimu li seta' jsir.

**23.** Il-Qorti ma tlumx lil-Kunsill ma għandux fondi biżżejjed, għalkemm f'dan il-każ, kull ma kien hemm bżonn intervent f'waqtu bħal ma jidher li

diġa' sar fi bnadi oħra ta' din il-bankina. Il-Qorti tifhem ukoll, li din il-lokalita' hija konġestjonata u afflitta minn attivita' intensiva kummerċjali. Imma din il-Qorti ma tistax iddur fuq id-danneġġjat u tikkonslah billi tgħidlu, jieħu paċenzja għaliex il-Kunsill ma għandux fondi biżżejjed u għaliex ukoll f'din iż-żona hemm wisq attivita'. Jekk dak li ġara lill-Attur huwa tort tal-Kunsill, allura dan irid iwieġeb, għaliex ma hux eżentat mill-prinċipji tal-liġi kif fuq imfissra. Hawn ma aħniex nitkellmu fuq xi forma ta' forza maġġuri.

**24.** Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandha kull raġuni biex tasal għall-konklużjoni li l-Konvenut Kunsill għandu jwieġeb għall-ħsara li sofra l-Attur stante li għemilu huwa l-kawża u ness prossimu ta' din il-ħsara. Dan ifisser li l-Qorti ser issa tgħaddi biex tillikwida d-danni.

**Id-danni**

**25.** Bħal ma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn il-Qorti l-ewwel ma tqies l-element ta' responsabbilita` u wara, f'każ li jirriżulta li hemm din ir-responsabbilita`, tikkonsidra d-danni sofferti u ta' liema natura huma.

**26.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont iddispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*"

**27.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza lill-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' desiderata milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**28.** Din il-Qorti issejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista' jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

**29.** F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum*

*which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**30.** Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler-vs-Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

*Damnum emergens*

**31.** Kwantu dawn ix-xorta ta' danni l-provi huma skarsi ħafna. Fost oħrajn għandha mankanza assoluta ta' riċevuti ta' spejjes li kellu jagħmel l-Attur bħal ma huma mediċini jew aċċessorji mediċi. L-Attur għid li kellu joħroġ mill-fondi personali tiegħu spiża ta' pinnoli li pero' ma żammx riċevuti. Di fatti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-istess Attur għid li ma hux jitlob rimbors għal dawn ix-xorta ta' danni għaliex wara kollox l-insurance tiegħu irrimborsatu għal xi uħud mill-ispejjes (ara a' fol 644 para 14).

*Lucrum Cessans*

**32.** Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

**33.** L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jiġi osservat li Mr. Raymond Gatt irrilaxxja ċertifikat mediku fejn sab 12% ta' diżabilita' permanenti (a' fol 140). Skont l-espert tal-Qorti d-diżabilita' hi ta' 10% li tonqos għal 8% jekk jitneħħa l-vit sporġut u tonqos għal 5% jekk jitneħħa l-ħadid kollu mingħajr ma jinqalgħu kumplikazzjonijiet (eventual surgery) (a' fol 606). Pero dan għid ukoll li din hija "*Again it's an intelligent guess, Jigfieri jistghu jinqalghu kumplikazzjonijiet ohra"* (a' fol 620 tergo). L-anqas ma jeskludi li perċentwal jista' jiżdied u jiddiskrivi l-ferita bħala " *a nasty fracture*"(a' fol 621). Dan l-espert għid li b'operazzjoni s-sitwazzjoni tiegħu tista' titjieb u din tiġi tiswa circa €3000 (a' fol 618).

**34.** Għalhekk wara li din il-Qorti kkunsidrat id-diversi perċentwali mogħtija waslet għall-konklużjoni li fid-dawl tal-kontinġenzi elenkati mill-espert tagħha perċentwal ta' 8% ta' diżabilta' permanenti huwa adegwat. Di piu' stante li l-espert tal-Qorti għid li operazzjoni futura tista' tnaqqas id-diżabilta' inkwistjoni u li din miżerjament tiswa' €3000, dawn ukoll ser ikunu qegħdin jingħataw lill-Attur, tenut kont li dan huwa ammont minimu u li fil-

futur ċertament ser ikun jiswa aktar. F'dan ir-rigward l-Awtur John Munkman josserva li *"A claimant is entitled to recover any medical and nursing expenses, and any other costs of care that have been reasonably been incurred* <u>*or will reasonably be incurred*</u> *as a result of the injuries arising from tort"* (Emfażi tal-Qorti) (**Munkman On damages and For personal Injuries and Death, 12th Ed, Lexis Nexis, pg 112, para 12.6**). Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-ħtieġa ta' operazzjoni fil-futur tikkwalfika bħala "*care that will reasonably be incurred*".

**35.** Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

**36.** B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**37.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**38.** Pero' mhux eskluż li fiż-żewġ każijiet, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti ukoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

**39.** Iżda jrid jingħad ukoll, li dan il-prinċipju huwa ħafna aktar aċċentwat meta id-danneġġjat għall-bqija ta' ħajtu jispiċċa mingħajr il-possibilita' li jkollu kull xorta ta' impieg. Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena.

**40.** Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years*

*for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

**41.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

*Il-multiplier*

**42.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

**43.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*.

**44.** Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attur kien isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulu ħajtu. L-Attur twieled fl-20 ta' Ottubru 1979 u għalhekk

meta weġġa' kellu 40 sena. L-eta' pensjonabbli tiegħu hija dik ta' 65 sena, li jfisser il-mutiplier għandu jkun ta' 25 sena.

**45.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: *"jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-**kawżi fl-ismijiet Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999** u **Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u **0% fil-kawżi Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena.

**46.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta'16% bħala lump sum payment ikun ġust.

**47.** Għalhekk apparti s-soltu kalkoli li jsiru abbażi ta' Butler -vs- Hurd, il-Qorti ma tistax ma tqisx l-aspetti psiko-fiżiċi ta' xi ħadd li għall-bqija ta' ħajtu. L-espert tal-Qorti għid li l-Attur qallu li qabel l-inċident kien jiġri u li issa ma jħossux li jista' jiġri (ara a fol' 604). Dan jixhdu anke l-Attur li għid li "*Sfortunament, dak li kont inhobb naghmel qabel u cioe' li nigri ma nista' naghmlu qatt*"(a' fol 24) fil-waqt li t-tobba waslu għall-konklużjoni li siequ l-leminija qsaritlu.

**48.** Dan ifisser li għalkemm skond il-formula stabbilita f'Butler -vs- Hurd id-danni kif inhuma ristretti għall-formula matematika li għadna nimxu fuqha sal-lum pero' abbażi tal-prinċipju tar-*restitutio ad integrum*, din il-formula waħedha ma tagħmilx ġustizzja għat-telf ta' ħiliet u pjaċiri tal-ħajja li ser jiġi imċaħħad minnhom id-danneġġjat, fil-każ odjern il-pjaċir tal-ġiri. Għalhekk f'dan ir-rigward, din il-Qorti ser tkun qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

**49.** Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevoment wieħed stabbli u fit-tul. Issa l-attur f'din il-kawża, kellu impieg prinċipali fiss ma Henley & Partners u kif

ukoll kien jaħdem xufier tat-taxis part time ma' Bolt tant li anke investa f'żewġ karozzi minħabba f'hekk (ara xhieda ta' Yvonne Saliba a' fol 518). Dan kien l-impieg part time tiegħu u stante li investa fih kien maħsub li jkun stabbli u duratorju.

**50.** Mill-FS3s tal-impieg prinċipali il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni tal-osservazzjoni tal-attur li hu kellu kellu qliegħ medju ta' €19,928 fis-sena (ara a' fol 645). Kwantu għall-impieg l-ieħor li kellu part-time ma jirrisultax b'mod ċar kemm kien il-qliegħ minkejja il-volum ta' dokumenti esebiti. F'dan ir-rigward Yvonne Zammit, accountant, tixhed li minn dan l-impieg l-Attur kien sa issa għamel telf, iżda tbassar li għas-sena 2019 peress li kien ser jaħdem b'żewġ vetturi, kellu jdaħħal €30,000-€35,000 (a' fol 518). Il-Qorti ma fehmitx jekk l-Attur kienx ser jibda jsuq żewġ vetturi f'daqqa! Ġew anke presentati l-*workings* iżda minn dawn jirrisulta li kien hemm telf. Dwar it-tbassir ta' qliegħ daqshekk kbir għas-sena 2019, hemm qabża astronomika mis-snin ta' qabel u ma ġew presentati ebda studji ta' dawn il-projections. Għalhekk il-Qorti mhux ser toqgħod fuq dawn il-figuri li f'għajnejha jidhru esaġerati.

**51.** B'dana kollu, dan ma jfissrix li din il-Qorti għandha tiskarta l-possibbilita' rejali li anke minn dan l-impieg part time l-Attur kien ser ikollu il-qliegħ. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma, li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Ara **Sentenza fl-ismijiet**

**Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**).

**52.** Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li *"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato".*

**53.** Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ser tkun qed iżżid mal-qliegħ tiegħu fuq imsemmi elfejn ewro €2000, biex b'hekk ai fini ta' entrojtu l-ammont kalkolabbli ser ikun dak ta' €21,928. Il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni, li dan l-impieg mhux bil-fors huwa wieħed duratorju daqs impieg prinċipali peress li dan ix-xorta ta' xogħol huwa determinat minn kontinġenzi li huma volatili.

**54.** Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa, ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect.*

*Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

**55.** Issa r-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2019 kienet ta' circa 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud b'dan il-perċentwal.

**Likwidazzjoni Danni**

**56.** €21,928 (dħul annwali) x 25 (snin lavorativi) = (€548,200) – €87,712 (16% lump sum payment) = €460,488 // = €36,839 (8% diżabilta' permanenti) + €3000 (spejjes operazzjoni futura) = €39,839 + €2000 (integrita' psiko-fiżika) = €41,839 + €2,510 (inflazzjoni ta' 6%) = €44,350 (somma finali ta' danni).

**57.** Fl-aħħar nett din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-fatt, li bil-miġja tal-Kunsilli lokali, dak li altrimenti qabel kien ikun dirett lejn il-Gvern Ċentrali, f'inċidenti bħal dawn illum huma l-Kunsilli li jridu jwieġbu. Għalhekk huwa fl-interess tagħhom, li jkollhom fond ta' kontinġenza għal daqshekk jew li jkollhom assigurazzjoni adegwata tkoprihom.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-konvenut Kunsill huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-9 ta' Jannar 2019 ġewwa Triq Elija Zammit f'San Ġiljan u għalhekk irid ukoll iwieġeb għad-danni sofferti mill-Attur.

**Tilqa' it-talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf tlett mija u ħamsin ewro (€44,350).

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-konvenut Kunsill iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata, bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' din il-kawża għandhom ikunu sopportati mill-konvenut Kunsill.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**